Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16240/26

EF 304
ECOFIN 1513
DELACT 178

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 7817 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'9.11.2026 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trasparenza, tar-rieżami u tal-validazzjoni tal-metodoloġiji

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 7817 final.

Mehmuż: C(2026) 7817 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.11.2026
C(2026) 7817 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'9.11.2026

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trasparenza, tar-rieżami u tal-validazzjoni tal-metodoloġiji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-objettivi tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni huma li jiġu inkorporati aħjar il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) fil-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u d-divulgazzjoni sussegwenti lill-pubbliku; u biex jissaħħu t-trasparenza u l-kredibbiltà fil-proċess tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu[1] stabbilixxa l-qafas regolatorju tal-UE għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs). Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, jiżgura rigorożità metodoloġika u jtejjeb it-trasparenza għall-investituri. L-Anness I tiegħu jagħti mandat għal divulgazzjonijiet dettaljati dwar il-klassifikazzjonijiet u l-metodoloġiji.

Skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli tal-2018, il-Linji Gwida dwar id-Divulgazzjoni tal-2020 tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) [2] tejbu t-trasparenza dwar il-fatturi ESG fil-klassifikazzjonijiet. L-analiżi tar-riskju tal-ESMA dwar ix-Xejriet, ir-Riskji u l-Vulnerabbiltajiet (TRV) tal-2022 [3] ivvalutat l-inkorporazzjoni tal-fatturi ESG fil-metodoloġiji tas-CRA. Abbażi ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tieħu kull azzjoni oħra meħtieġa biex tiżgura li r-riskji tal-ESG jinqabdu b'mod sistematiku fil-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u li tissaħħaħ it-trasparenza dwar l-inklużjoni ESG.

Waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li jirriżultaw mill-valutazzjoni tal-ESMA, mill-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u mill-valutazzjoni tal-impatt tal-2023 għar-Regolament dwar il-Klassifikazzjonijiet ESG [4]tikkonċerna divulgazzjoni ESG inadegwata. Għalkemm id-divulgazzjonijiet ESG fl-istqarrijiet għall-istampa tas-CRAs tjiebu minn meta ġew introdotti l-linji gwida rilevanti, dawn għadhom mhux biżżejjed, b'mod partikolari fir-rigward ta' kif il-fatturi ESG jinfluwenzaw il-bidliet fil-klassifikazzjonijiet, u għalhekk għad hemm lok għal aktar titjib.

Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni ppreżentat talba għal Parir Tekniku lill-ESMA fl-2023 fejn talbet kontribut dwar emendi tal-Qafas Regolatorju tas-CRA dwar kif dan jista' jiġi aġġornat sabiex tiġi żgurata inkorporazzjoni aħjar tal-fatturi ESG fil-metodoloġiji. L-ESMA tat il-parir tekniku finali tagħha sa tmiem l-2024[5].

Sabiex tkompli tittejjeb it-trasparenza, l-Anness I tar-Regolament dwar is-CRA għandu jiġi emendat billi jiġi speċifikat li s-CRAs jeħtieġ li jiddivulgaw l-informazzjoni dwar il-fatturi ESG li influwenzaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.

Dan ir-Regolament Delegat jintroduċi aġġornamenti mmirati għall-Anness I tar-Regolament dwar is-CRA biex jissaħħu r-rekwiżiti ta' trasparenza. L-objettiv ewlieni huwa li jinkiseb eżitu aktar konsistenti tad-divulgazzjoni, u traċċabbiltà mtejba dwar jekk u kif is-CRAs jintegraw il-kunsiderazzjonijiet ESG fl-analiżi tal-affidabbiltà kreditizja tagħhom f'konformità mal-metodoloġiji tagħhom disponibbli għall-pubbliku. L-intenzjoni ta' dawn id-

---

1 ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1 (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1060/oj).

2 Linji Gwida dwar ir-Rekwiżit ta' Żvelar Applikabbli għall-Klassifikazzjonijiet tal-Kreditu (ESMA33-9-320).

3 Text mining ESG disclosures in rating agency press releases (ESMA80-195-1352).

4 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet tal-klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG) (SWD(2023)204 final).

5 Il-Parir Tekniku tal-ESMA dwar ir-Reviżjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2012 u l-Anness I tar-Regolament dwar is-CRA, ESMA84-2037069784-2196.

dispożizzjonijiet riveduti hija li jkunu applikabbli kemm għal ħruġ ġdid kif ukoll għal bidliet fil-klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Barra minn hekk, l-emendi proposti se jgħinu biex itejbu t-trasparenza madwar il-proċess ta' validazzjoni tas-CRA u jipprovdu ċarezza dwar ir-responsabbiltà interna għal dan il-proċess.

Dan ir-Regolament Delegat għandu l-għan li jarmonizza d-divulgazzjonijiet tal-fatturi ESG magħmula skont il-linji gwida tal-ESMA b'mod li jtejjeb il-konsistenza u l-komparabbiltà. L-analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji mħejjija mill-ESMA fil-parir tekniku tagħha[6] tindika li l-bidliet proposti huma mistennija li jimponu biss piż addizzjonali limitat ta' konformità fuq l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs). Kif iddikjarat fil-parir, dawn il-kostijiet huma saħansitra mistennija li jonqsu fuq terminu medju sa twil, permezz tal-implimentazzjoni gradwali tal-pakkett regolatorju armonizzat tal-UE dwar il-finanzi sostenibbli. Barra minn hekk, permezz ta' tnaqqis fl-asimmetriji fl-informazzjoni, il-benefiċċji ta' konverġenza akbar fid-divulgazzjonijiet tas-CRAs huma mistennija li jegħlbu l-kostijiet.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-ESMA pprovdiet kontribut fil-forma ta' parir tekniku li ġie ppreżentat lill-Kummissjoni[7].

L-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni u analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati, ikkonsultat lill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Il-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli ġie kkonsultat fil-15 ta' Lulju 2026.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat fih reviżjonijiet immirati tal-Anness I tar-Regolament dwar is-CRA.

Il-punt 1 tal-Anness ta' dan ir-Regolament Delegat jirrikjedi li s-CRAs jistabbilixxu proċessi ċari għall-validazzjoni tal-metodoloġiji, tal-mudelli u tas-suppożizzjonijiet ewlenin ta' gradazzjoni tagħhom.

Il-punt 2a tal-Anness ta' dan ir-Regolament Delegat jintroduċi obbligu ġdid ta' divulgazzjoni. Dan jirrikjedi li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs) iridu jenfasizzaw il-fatturi ESG li jixprunaw il-klassifikazzjonijiet jew il-prospettivi, bi spjegazzjoni qasira, biex jiżguraw it-trasparenza u jallinjaw mal-objettivi ta' finanzjament sostenibbli tal-UE.

Il-punt 2b tal-Anness ta' dan ir-Regolament Delegat jirrikjedi li s-CRAs jiddivulgaw mhux biss il-metodoloġiji li jużaw iżda wkoll il-proċessi li bihom jivvalidaw dawk il-metodoloġiji meta jippreżentaw gradazzjonijiet tal-kreditu jew prospetti ta' gradazzjoni.

---

6 Ara hawn fuq, in-nota 5 f'qiegħ il-paġna, Il-Parir Tekniku dwar ir-Reviżjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2012 u l-Anness I tar-Regolament dwar is-CRA, ESMA84-2037069784-2196

7 Ara hawn fuq, in-nota 6 f'qiegħ il-paġna.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'9.11.2026

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trasparenza, tar-rieżami u tal-validazzjoni tal-metodoloġiji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata divulgazzjoni konsistenti u komparabbli tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, u biex tissaħħaħ l-adozzjoni tagħhom mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, jenħtieġ li l-linji gwida tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) dwar ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni applikabbli għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu[2] jiġu integrati fir-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(2) It-trasparenza fil-klassifikazzjonijiet tal-kreditu hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-investituri, l-emittenti, u parteċipanti oħra fis-suq ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati tajjeb. Ir-rilevanza dejjem akbar tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza (il-fatturi ESG) fil-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu teħtieġ divulgazzjoni ċara fejn tali fatturi jinfluwenzaw materjalment klassifikazzjoni tal-kreditu jew prospettiva tal-klassifikazzjoni. Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fis-suq, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jenħtieġ li jidentifikaw u jispjegaw il-kunsiderazzjonijiet tal-fatturi ESG fil-pubblikazzjonijiet tagħhom.

(3) Ir-rieżami u l-validazzjoni tal-metodoloġiji huma komponenti kritiċi biex jiġu żgurati l-integrità u l-affidabbiltà tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Sabiex tiġi riflessa l-importanza tal-validazzjoni metodoloġika fil-qafas organizzazzjonali tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, huwa meħtieġ li l-validazzjoni tal-metodoloġiji tiġi inkluża b'mod espliċitu flimkien mar-rieżami fir-rekwiżiti organizzazzjonali rilevanti.

(4) Il-validazzjoni tal-metodoloġiji hija pass fundamentali biex jiġi żgurat li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jkunu bbażati fuq kriterji sodi, affidabbli u applikati b'mod konsistenti. Biex tissaħħaħ it-trasparenza rigward il-pedamenti metodoloġiċi tal-klassifikazzjonijiet, u biex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-suq ikunu infurmati aħjar dwar ir-rigorożità tad-determinazzjonijiet sottostanti tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jenħtieġ li jiddivulgaw mhux biss il-

[1] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1060/oj.

[2] Linji Gwida dwar ir-Rekwiżit ta' Żvelar Applikabbli għall-Klassifikazzjonijiet tal-Kreditu (ESMA33-9-320)

metodoloġiji li jużaw iżda wkoll il-proċessi li bihom jiġu vvalidati dawk il-metodoloġiji.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jiġi emendat kif xieraq.

(6) Id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi differita billi jingħata biżżejjed żmien lill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu biex jinkorporaw aħjar il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) fil-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħhom u fid-divulgazzjonijiet pubbliċi relatati, u biex itejbu t-trasparenza u l-kredibbiltà fil-proċess tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament iqisu l-parir tekniku ppreżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA,[3]

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) 1060/2009 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9.11.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

[3] Il-Parir Tekniku tal-ESMA dwar ir-Reviżjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2012 u l-Anness I tar-Regolament dwar is-CRA, ESMA84-2037069784-2196.